KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

24 ta' Lulju 2009

**Minuti tat-tnejn u tletin (32) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-tnejn u tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju 2009 fis-5.45pm**.

It-tnejn u tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur u l-Ittra ta' Direzzjoni
6. Planters fi Triq il-Miratur
7. Skema ta' fondi ghall-attivitajiet lill-Ghaqdiet Lokali
8. Sotto-Kumitat ghall-Ambjent, Indafa u l-Infrastruttura
9. Child Care Centre
10. Ghazla ta' kwotazzjonijiet:
    a. FLC/Q/07/09 – Provvista u Twahhil ta' Cast-Iron Bollards
    b. FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System
    c. FLC/E/01/09 – Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fic-Celebrazzjonijiet ta' 31/12/09
11. Assenjazzjoni ta' Karigi Godda
12. Servizz ta' Librar
13. Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata
14. Progett tal-Bankina ta' Triq San Frangisk
15. Konferma tal-Impjieg tas-Sinjorina Emmanie Theuma
16. Impjieg temporanju (14-il gimgha) tas-Sinjura Therese Cassola
17. Hwejjeg ohra

Ghat-tnejn u tletin (32) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Kunsillier Brian Zammit attenda qabel materja no.2.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tletin (30) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-wiehed u tletin (31) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet korrezzjoni tal-minuti tal-wiehed u tletin (31) laqgha rigward materja 16.10 fejn giet tinqara "Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ghandhom jinghataw lapel badges mill-godda bl-arma tal-Kunsill, bla hlas lill-ex kunsilliera. Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex jinghataw lapel badges bla hlas lill-membri kollha tas-sotto-kumitati."

1.5 Il-minuti msemmija f'1.4 bil-korrezzjoni msemmija f'1.5, gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

## 2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ing. Renzo Curmi fejn staqsa jekk il-Kunsill kienx ser imexxi xorta fuq il-progett ta' installazzjoni ta' Photovoltaic Panels fil-bini tal-Kunsill Lokali minkejja li ma nghatawx il-fondi kollha li l-Kunsill talab fl-iskema mnedija mill-Gvern. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel il-progett ghaliex ser jibbenifika minn €2300.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Kv Services dwar tiswijiet fis-sistema tal-irrigazzjoni li tammonta ghall-€475. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Andrew Vaswani fejn talab spazju vojt biex jintuza ghal un/loading quddiem l-istores tieghu fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill ma qabilx li ssir un/loading bay quddiem l-istore ta' dan is-sinjur li izda qabel li ghandha ssir un/loading bay fi Triq San Frangisk f'post li tkun b'mod ekwidistanti biex b'hekk tkun ghall-uzu tas-sidien tan-negozji kollha ta' dik l-akkwata.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery rigward in-No Man's Land u s-Synthetic turf fuq il-basketball pitch. Is-Sindku ikkumenta li kien ser jaghti twegiba ghal din il-korrispondenza bil-miktub u jispjega l-fatti fid-dettal.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni ghal fanali ornamentali ghal Housing Estate minghand il-kuntrattur tal-istreet lighting, Nexos Street Lighting. Minhabba li l-prezz kien gholi, il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg sejha ghal aktar kwotazzjonijiet.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment maghmul minn Brother Oscar Mifsud li lmenta dwar il-planters

li saru dan l-ahhar fi Triq Antonio Agius. Il-Kunsill ra l-ilment pero' ma jhossx li dan huwa gustifikat minhabba li jhoss li hemm bizzejjed spazju biex il-karozzi jghaddu facilment.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq Statement of Funds minghand il-MEPA. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkjarifika dwar kif jista' japplika ghal fondi ta' dawn l-iskemi imsemmijin fl-istatement.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand l-iskultur Chris Ebejer fuq disinn originali ta' hadid madwar il-monument ta' Pietro Paolo Floriani. Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex isir il-hadid madwar il-monument ta' Pietro Paolo Floriani izda ma kien hemm l-ebda sekondant ghal din il-mozzjoni. Ghalhekk, il-mozzjoni m'ghaddietx. Ghaldaqstant, il-Kunsill iddecieda biex f'dan l-istadju ma jsir l-ebda hadid madwar il-monument PP Floriani.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta Filarmonika Vilhena li qed taghmel talba lill-Kunsill biex jghin fl-ispiza tal-Banda biex iddoqq fil-Belt u l-Furjana matul ic-celebrazzjoni ta' gheluq is-sena Pawlina, fejn parti mic-celebrazzjoni tinkludi id-dahla tal-vara ta' San Publju gewwa l-belt Valletta. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu decizjoni ghalissa qabel ma jigi vverifikata is-somma tal-ispejjez involuti.

2.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill bl-istedina mill-Arcidjocesi ta' Malta ghac-celebrazzjoni li ser issir fl-gheluq tas-Sena Pawlina nhar it-Tnejn 29 ta' Gunju 2009. Il-Kunsilliera ghandhom jaghtu risposta mill-aktar fis possibli dwar min ser jattendi ghal din ic-celebrazzjoni.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Tourism Authority dwar l-Isle of MTV Festival. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti s-suggeriment tieghu biex ghat-tnehhija tal-fanali, jiehdu hsieb il-kumpanija Nexos Street Lighting. Rigward it-tnehhija tal-bankijiet, il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jitnehhew il-bankijiet kollha hlief dawk li nqalghu is-sena l-ohra stess, dan minhabba l-hsarat li jsiru kull darba li l-bankijiet jinqalghu u jergghu jitwahhlu.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment mis-Sur Paul Piscopo fejn issuggerixxa li quddiem il-Keep Clear li hemm quddiem il-Knisja Parrokkjali, li kienet saret minhabba l-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, hemm bzonn li ssir tabella li ghandha tindika li l-karozzi jistghu jipparkjaw fil-hinijiet meta ma jkunx hemm funzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra bil-miktub lill-WR Arcipriet Dun Richard Borg fejn jitolbu s-suggerimenti tieghu.

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Kunsillier Brian Zammit.**

## 3 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera biex iressqu xi mistoqsijiet.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-Memo Interna li nharget dwar il-lapel badges u r-ringrazzjamenti fl-Inawgurazzjoni tal-Monument ta' Pietro Paolo Floriani. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet taccerta lill-Kunsill li meta tkellmet dwar dan fil-laqgha precedenti, hi ma kienet qed titkellem f'isem hadd aktar hliefha.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **27/05 A-B-C-D (7707-7790)** , li

gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-pagament li gie approvat fil-laqgha precedenti izda li kien twaqqaf fl-ahhar gimghat minhabba li x-xoghol li kien sar ma kienx sodisfacenti. Dan il-pagament kien indikat bhala cekk nru 7666 u li fuqu sar stop payment sakemm ix-xoghol isir b'mod sodisfacenti. Il-Kunsill approva l-istruzzjoni tas-Sindku biex ma jsirx dan il-hlas.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti msemmija f'4.1, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, ET, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 1 (BZ)

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, mill-Vici Sindku Franco Davies, u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur u l-Ittra ta' Direzzjoni

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat u ghaldaqstant il-Vici-Sindku kompla jippresiedi l-laqgha.**

5.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab lis-Segretarju Ezekuttiv K. Brincat jipprezenta ir-rapport tal-Awditur u l-ittra ta' direzzjoni li gew iccirkolati minn qabel mal-avviz tal-laqgha.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-ittra ta' direzzjoni ma fihiex rapporti kwalifikati u l-punti li gew imqajjma mill-Awditur huma kwazi l-istess tas-sena precedenti u li ser tittiehed azzjoni fejn hu possibli.

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha u kompla jippresiedi l-laqgha.**

5.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport indikat f'Numru 5.1 kif ukoll ir-risposta tal-ittra ta' direzzjoni. Iz-zewg dokumenti jinsabu annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur u r-risposta tal-ittra ta' Direzzjoni. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili.

5.3 Ittiehed vot favur din il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, BZ)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 6.0 Planters fi Triq il-Miratur

6.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kienet hi li talbet li din il-materja tkun fuq l-agenda.

6.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili sostniet li minhabba l-ammont ta' karozzi li qed jipparkjaw hazin fi Triq il-Miratur wara nofsinhar, hemm bzonn kbir li jsiru dawn il-planters.

6.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni biex isiru dawn il-planters izda ma kien hemm l-ebda sekondant u ghalhekk il-mozzjoni hija meqjusa bhala nulla.

## 7.0 Skema ta' fondi ghall -attivitajiet lill -Ghaqdiet Lokali

7.1 Is-Sindku Nigel Holland xtaq jiftah ghad-diskussjoni il-possibbilta' li l-Kunsill ihejji skema ta' fondi ghall-attivitajiet lill-ghaqdiet Lokali fejn l-ghaqdiet furjanizi jinghataw xahar cans biex jissottomettu applikazzjoni ghal attivitajiet li jkunu jixtiequ jorganizzaw b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland stqarr li huwa jinsab xettiku dwar din l-iskema li l-idea taghha originat mis-Segretarju Ezekuttiv, minhabba li l-ghaqdiet jistghu ma jkunux ippreparati bizzejjed biex jippjanaw ghall-attivitajiet ghal sena shiha li izda fil-prattika jigri ta' spiss li ghaqdiet jippjanaw attivitajiet fuq perjodu izghar.

7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-akbar vantagg li toffri din l-iskema hija li l-Kunsill ikun jista' jippjana l-estimi finanzjarju tieghu ghas-sena shiha u ma tibqax l-uzanza li jfaqqsu attivitajiet godda tul is-sena.

7.4 Il-Kunsill ma qabilx li jintroduci din l-iskema minhabba li l-ghaqdiet m'ghandhomx ir-rizorsi u minhabba li tista' ma tkunx prattika ghalihom.

## 8.0 Sotto-kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura

8.1 Is-Sindku Nigel Holland propona li jsir dan is-sotto-kumitat gdid biex ikun hemm iktar partecipazzjoni u involviment mir-residenti f'dawn l-oqsma.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland assigura li jinsab cert li hafna mir-residenti jistghu ikunu ta' beneficcju kbir kif ukoll ikunu jistghu jigbdu l-attenzjoni tal-Kunsill biex tinzamm iktar dixxiplina u kontroll fuq dawn l-oqsma.

**<u>Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat.</u>**

8.3 Il-Kunsill qabel li l-membri li ser jaghmlu parti minn dan is-sotto-kumitat ikollhom id-dritt li jkellmu lill-kuntratturi nnifishom biex b'hekk ikunu jistghu itejjbu x-xogholijiet li jsiru.

8.4 Il-Kunsill qabel ukoll li wahda mill-prioritajiet ta' dan is-sotto-kumitat ghandha tkun id-diskussjoni mal-kuntratturi involuti biex jigu specifikati il-granet u l-hinijiet li fihom ser isiru xogholijiet/tindif specifiki biex hekk ikunu jistghu jaccertaw li x-xogholijiet ikunu qed isiru.

8.5 Wara li tressqet mozzjoni mis-Sindku Nigel Holland, u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex jigi iffurmata is-Sotto-Kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura, ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.6 Ghaldaqstant il-Kunsill qabel nem.con li ghandha tinhareg sejha immedjata ghal min hu interessat li jissieheb f'dan is-sotto-kumitat.

## 9.0 Child Care Centre

9.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kienet hi li talbet li din il-materja tkun fuq l-agenda.

9.2 Il-Kunsillier Sandra Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi xtaqet tipproponi biex f'wahda mill-kmamar tal-bini tal-Kunsill tigi kkonvertita f'Child Care Centre. Is-Sindku Nigel Holland ghalkemm qabel fil-principju, xtaq jipproponi li minflok tintuza d-Dar tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jikkunsidra postijiet ohrajn pubblici bhall-iSkola Primarja u postijiet ohrajn fil-Floriana, minhabba l-problema ta' spazju limitat li ghandu l-Kunsill u biex ma jikkommettiex spazju li jista' jigi bzonnu iktar 'il quddiem.

9.3 Il-Kunsill qabel unanimament fil-principju li jitnieda dan il-progett ta' Child Care Centre u li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministru Dolores Cristina biex tghin jinstab post pubbliku li jkun jista' jintuza bhala Child Care Centre.

## 10.0 Ghazla ta' Kwotazzjonijiet:

### 10.1 FLC/Q/07/09 – Provvista u Twahhil ta' Cast-Iron Bollards

10.1.1 Il-Kunsill kellu tliet kwotazzjonijiet minghand Alberta, Anton Zarb u M-Quip.

10.1.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kumpaniji Alberta u Anton Zarb biex jissottomettu samples ta' xi mudelli li ddentifika l-Kunsill qabel tittiehed decizjoni.

### 10.2 FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System

10.2.1 Il-Kunsill kellu tlett kwotazzjonijiet minghand Melita Power Services, Sound System u minghand Alberta Fire and Security System.

10.2.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu parir tekniku qabel tittiehed decizjoni.

### 10.3 FLC/E/01/09 – Organizzazzjoni ta' Attivitajiet fic-Celebrazzjonijiet ta' 31/12/09

10.3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill dwar il-laqghat li s-Sotto-kumitat Organizzattiv tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena kellu flimkien mal-Kunsill dwar din l-attivita'.

10.3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-suggeriment tas-Sotto-kumitat fejn qal li l-offerta maghmulha minn Leon Promotions, ghalkemm hija ta' prezz iktar oghli, hija hafna iktar dettaljata u jidher li fiha hemm kollox inkluz. Is-Sotto-Kumitat jirrakomanda li tintaghzel l-offerta ta' Leon Promotions.

10.3.3 Il-Kunsill issuggerixxa li ghandu jsaqsi lill-kuntrattur x'inhuma l-obbligi tal-Kunsill f'kaz ta' kancellazzjoni ta' din l-attivita'.

10.3.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lis-Sur Noel Castillo jaghtih *itemized classification* fi zmien tliet ijiem biex il-Kunsill ikun jaf b'mod aktar dettaljat kif ser jitqassam il-programm.

10.3.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex f'kaz li l-Kunsill ikun ser jaghmel l-attivita' tintghazel l-offerta tal-kumpanija ta' Leon Promotions. Din il-mozzjoni giet ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.0 Assenjazzjoni ta' karigi godda

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Edward Torpiano ceda l-kariga ta' responsabbli mill-Gwardjani Lokali.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jiehu din il-kariga f'idejh sakemm ma jkunx hemm xi kunsillier iehor li xtaq jiehu din ir-responsabbilta'.

11.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano wera l-interess li jiehu f'idejh il-kariga tar-Rigenerazzjoni/Ippjanar Urban li prezentament taqa' taht il-Vici-Sindku Franco Davies. Il-Kunsillier Edward Torpiano iddikjara li l-Vici-Sindku Franco Davies ma sab l-ebda oggezzjoni li jghaddilu din il-kariga. Is-Sindkuu ma sab l-ebda oggezzjoni.

11.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano issuggerixxa wkoll li jiehu taht idejh il-karigi tal-Qasam Socjali u Familja, tal-Kummerc u l-Kompetizzjoni u l-kariga tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali. Is-Sindku approva dan it-tibdil

## 12.0 Servizz ta' librar

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi spjega li minhabba li l-Kunsill qed jibni l-arikvju hemm bzonn li jigi ingaggat librar biex jikkatologa l-kotba u rivisti li l-Kunsill ghandu.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex tinhareg sejha ghal servizz ta' librar biex jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-librerija/arkivju tal- Kunsill.

12.3 Il-Kunsill approva is-suggeriment tas-Sindku msemmi f'12.2 u ghaldaqstant ghandha tohrog is-sejha fil-granet li gejjin.

## 13.0 Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi nforma lill-Kunsill li qabel ma l-banda tkun tista' titla' f'Macerata hemm bzonn li s-sotto-kumitat ikompli jahdem biex jingiebu l-fondi necessarji.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-Comune di Macerata applikat ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea taht il-programm Europe for Citizens, fejn jekk dan jigi approvat il-bandisti ikollhom l-akkomodazzjoni u l-ikel mhallas mill-Comune di Macerata. Dan ifisser li l-Kunsill irid jara minn fejn ser igieb il-fondi biex jithallsu l-ispejjez tal-ajru ghall-bandisti.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla xtaq il-konferma tal-Kunsill biex jigi iffirmat il-kuntratt mal-kumpanija SMS biex jigu ibbukjati minimu ta' 50 biljett tal-ajru ghal Ruma. Il-Kunsill approva.

## 14.0 Progett tal-Bankina ta' Triq San Frangisk

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi nforma lill-Kunsill li l-progett tal-bankina ta' Triq San Frangisk jinsab wieqaf peress li l-MEPA qed isostni li biex isir xoghol simili hemm

bzonn il-permess taghhom.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-Kunsill ghadda struzzjonijiet lill-Perit tal-Kunsill biex jissottometti l-applikazzjonijiet necessarji biex jitkompla ix-xoghol b'mod immedjat.

14.3 Fil-fatt il-perit ghandu jissottometti applikazzjoni ghal DNO ghall-bankina fejn m'hemmx cangatura antika, u applikazzjoni ghall Full Development Permit ghal parti fejn hemm cangatura antika biex din tinbidel b'cangatura tal-istess tip (tal-qawwi) imma gdida.

## 15.0 Konferma tal-Impjieg tas-Sinjorina Emmanie Theuma

15.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega l-iskop ta' diskussjoni ta' din il-materja.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li s-Sinjorina Emmanie Theuma ser jiskadilha il-probation period u ghaldaqstant hemm bzonn decizjoni dwar jekk hux ser jigi kkonfermat l-impjieg taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat kompla li s-Sinjorina Emmanie Theuma tat servizz impekkabbli u li ssuperat l-aspettattivi tieghu fid-doveri taghha tant li jissuggerixxi l-konferma tal-impjieg taghha.

15.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex jigi kkonfermat l-impjieg tas-Sinjorina Emmanie Theuma. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issekondat din il-mozzjoni, u wara li ittiehed vot favur il-mozzjoni ir-rizultat kien ta':

Favur: 3 (NH, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 16.0 Impjieg temporanju (14-il gimgha) tas-Sinjura Therese Cassola

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat biex jispjega s-sitwazzjoni f'iktar dettal.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li minhabba li l-uffijcal ezekuttiv is-sinjorina Fiona Said ser tohrog bil-maternity leave, hemm bzonn li l-Kunsill jimpjega persuna ohra b'mod temporanju sakemm tirritorna ghax-xoghol is-sinjorina Said.

16.3 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat issuggerixxa biex tigi impjegata is-Sinjuar Therese Cassola li kienet taghmel ix-xoghol li llum qed taghmel is-sinjorina Said sa Jannar li ghadda. Il-Kunsill approva li tigi impjegata b'mod temporanju is-Sinjura Cassola u dan sakemm jingieb il-permess mid-dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jimpjega persuna ghal perjodu temporanju.

16.4 Il-Kunsill approva li s-Sinjura Cassola tithallas bis-siegha u bir-rata li kellha qabel ma rtirat ftit tax-xhur ilu.

## 17.0 Hwejjeg ohra

17.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill bil-bankina li hemm fi Triq San Tumas. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jitlob stima qabel jiehu decizjoni finali.

17.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill li s-central hanging li hemm fi Triq l-Imhazen ghandha bzonn tinbidel minhabba li mhux qed taghti bizzejjed dawl. Il-Kunsill qabel li jekk dan jirrizulta li hu minnu, il-Kunsill ghandu jbiddel dan is-central hanging.

17.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill rigward il-korsijiet imtellghin mit-TCTC. Minhabba n-numru zghir ta' applikanti Furjanizi, dawn il-korsijiet ma jistghux jittellghu fil-Floriana.

17.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nfurmat lill-Kunsill dwar diversi lmenti li saru dwar il-bring-in sites li hemm fi Triq V.Dimech kif ukoll dawk li hemm fit-telgha tal-Kurcifiss. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li skond il-kuntratt tal-Wasteserv, huma m'humiex obbligati jigbru l-hmieg li jithalla mad-dawra tal-bring-in sites izda biss l-iskart li jintrema fl-iskips. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-Wasteserv u jistaqsi dwar il-possibilita' li jitwahhlu cameras biex jissorveljaw il-bring in sites.

17.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lill-Kunsill jekk jistax isir hajt tal-gebel mal-bieb tal-Polverista. Il-Kunsill qabel nem.con li ghandu jinbarra l-Polverista b'hajt tal-gebel.

17.6 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-ligi ghandha tigi nfurzata izjed u ghandhom isiru iktar patrols tal-gonna. Il-Kunsill ghandu jiehu hsieb jikkuntattja u jitlob lill-Pulizija biex jibdew jaghmlu dan.

17.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza wkoll ghal talba li saret mill-Floriana Nursery u mill-Floriana F.C. biex titwahhal bozza hdejn in-nursery minhabba d-dlam li jkun hemm filghaxija. Il-Kunsill ghandu jivverifika dan l-ilment u jiehu azzjoni rispettivament.

17.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lill-Kunsill jekk isibx oggezzjoni li l-ikla tal-Father's Day issir gimgha wara l-festa innifisha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

17.9 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien ghamel kuntatt mas-Sur Perugini li staqsieh jekk il-Kunsill ikunx interessat jorgnanizza festival tal-*buskers* u *street entertainers*. Il-Kunsill qabel nem.con li l-ewwel ghandu jsaqsih jekk hemmx xi eventwali spejjez u xi jkun hemm sehem il-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fid- 9.00 p.m

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |